MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 99/1993/1

Flavia mart Saviour Cassar,

Michelina armla ta’ Paul Grech li tidher
Għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefra
Gladys mart Gregory Vella,

Joseph Vella,

Francesca mart Joseph Galea.

**vs**

Carmelo Muscat u ghal kwalunkwe interess
Li jista’ jkollha Maria mart l-istess Carmelo Muscat,

Rose mart John Caruana li tidher għan-nom u in
Rappreżentanza tal-imsiefer żewġha John Caruana
Oltre li f’isimha proprju.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Li Francesca Galea, l-aħwa Grech ċioe' Gladys Vella, Joseph Grech u Flavia Cassar ulied il-mejjet Pawlu Grech, huma eredi flimkien mal-konvenuti Maria Muscat5 u Rose Caruana tal-mejtin Vincent Grech u Loreta Grech (nee' Debono) li mietu rispettivament fit-22 ta' Diċembru 1990 u 17 ta' April 1993.

Li b'kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Joseph Spiteri tal-25 ta' Lulju 1986 (Dok "A") l-imsemmi Vincent Grech ikkonċeda b'titolu ta' ċens perpetwu a favur tal-konvenuti Carmelo Muscat u Vincent Caruana bis-somma ossija korrispettiv miseru ta' tmienja u disgħin lira maltin (Lm98) fis-sena l-fond numru erbgħa u tletin ittra "A" (34A) triq Sant'Antnin, Għajnsielem Gozo b'żewġ ġardini retrostanti, waħda ta' 67 metru kwadru u l-oħra ta' 605 metri kwadri u kollox imiss mill-punent mat-triq Sant'Antnin, grigal mal-proprjeta' tal-kumpanija Gramieri Development Company Limited, jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu, u tramuntana in parti ma' sqaq privat u in parti mal-beni tal-attriċi Francesca Galea.

Li dan il-fond jikkomprendi l-maġġor parti mill-wirt tal-mejtin Vincent u Loreta konjuġi Grech u l-istess kuntratt sar b'qerq u b'ingann, bi frodi għad-drittijiet ereditarji tal-atturi, huwa riżultat ta' vjolenza morali u pressjoni adoperata fuq il-konċedenti u fi kwalunkwe każ, huwa simulat, u sar unikament bl-intenzjoni li jċaħħad lill-atturi mid-drittijiet ereditarji tagħhom.

Li l-atturi jridu li dan il-kuntratt jiġi rexiss u annullat.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika perpetwu in atti nutar Dottor Joseph Spiteri tal-25 ta' Lulju 1986 li bih Vincent Grech ikkonċeda lill-konvenuti Carmelo Muscat u Vincent Grech il-fond fuq imsemmi huwa riżultat ta' qerq u ngann, sar bi frodi għad-

drittijiet ereditarji tal-atturi, huwa riżultat ta’ vjolenza morali u pressjoni adoperata fuq il-konċedenti u huwa simulat.

2. Konsegwentement tordna r-rexissjoni tal-istess kuntratt.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni tal-24 ta’ Gunju 1993 kollha kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa mħarrka għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Flavia Cassar.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi:

1. Illi fl-ewwel lok għandha tiġi esebita l-prokura ta’ Gladys mart Gregory Vella;

2. Illi fit-tieni lok iċ-ċitazzjoni odjerna hija konfuża u d-domandi huma redatti b’mjod lankoniku għall-aħħar t’tali mod u manjiera illi ma huwiex possibbli għall-konvenuti li jiddeterminaw l-bażi tal-azzjoni attriċi;

3. illi sussidjarjament il-konvenuti ma għandhom l-ebda dritt li jimpunjaw kuntratt bejn żewġ persuni kontraenti, meta għal dan l-atti pubbliku, l-istess atturi kienu terzi persuni. Illi għalhekk l-istess atturi għandhom nuqqas ta’ interess ġuridiku li jimpunjaw kontrattazzjoni li għaliha huma kienu biss terzi, liema kuntratt ta’ enfitewswi perpetwa tal-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Lulju 1986 kien għal atturi “43sw inter alios acta”;

4. illi, għal hekk, la darba l-istess atturi ma kellhom l-ebda interess ġuridiku attwali u dirett li jaġixxu fil-mument li saret il-kontrattazzjoni in kwistjoni u dana peress illi fil-mument li sar il-kuntratt in kwistjoni, l-istess atturi ma kellhom l-ebda “drittijiet ereditarji” x’jipproteġu għaliex fil-mument li sar il-kuntratt l-atturi ma kienux “eredi”, la “l-actio jew exceptio doli” la “l-actio pauliana” ma huma azzjonijiet miftuha għall-atturi u dana peress illi “l-actio jew exceptio doli bbażata fuq “ingann jew qerq” hija miftuha biss għal dawk li kkuntrattaw u kienu parti

għal ftehim u sabu ruħhom il-vittma tal-att doluż tal-parti opposta, “l-actio pauliana” teħtieġ “il-frodi” sewwa tad-debitur kif ukoll tat-terz akkwirent u f’dan il-każ wieħed ma jistax jinkwadra lill-mejtin Vincent u Loreta Grech fil-pożizzjoni ta’ “debitur” fil-konfront ta’ uliedhom l-atturi odjerni u dana peress illi fil-mument li sar il-kuntratt ta’ enfitewsi perpetwa tal-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Lulju 1986 – atti Nutar Joseph Spiteri, il-konjuġi Grech bl-ebda mod u manjiera ma kienu b’xi mod “debituri” lejn uliedhom, l-atturi odjerni u dana peress, illi kuntrarjament għal dak li hemm allegat fiċ-ċitazzjoni odjern, id-drittijiet ereditarji tal-atturi u b’mod speċjali d-dritt għal leġittima tagħhom bdew mal-mewt tal-ġenituri tagħhom u mhux mad-data tal-konċessjoni enfitewtika, filwaqt li l-azzjoni bbażata fuq is-simulazzjoni tispetta l-partijiet kontraenti jew lil min kellu interess ġuridiku li jaġixxi fil-mument tal-kuntratt;

5. Illi fi kwalunkwe każ, ma jirriżulta l-ebda qerq, ingann u frodi għad-drittijiet ereditarji tal-atturi, kif lanqas jirriżulta l-ebda vjolenza morali u pressjoni adoperata fuq il-konċedenti u lanqas ma jirriżulta l-ebda simulazzjoni;

6. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Rose Caruana.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru 1993 fejn innominat lill-avukat Dottor Grazio Mercieca bħala perit legali f'din il-kawża.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti tat-3 ta' Awwissu 1994 li biha eċċepew illi:

1. illi ċ-ċitazzjoni odjerna hija rrita u nulla u qiegħda tħallat żewġ azzjonijiet totalment distinti u separati konfużament fis-sens illi l-atturi qegħdin jeżerċitaw bl-istess azzjoni sewwa l-azzjoni biex kuntratt jiġi annullat minħabba vizzju tal-kunsens b’dolo, li hija “l-azzjoni ta’ rexissjoni” u tippresupponi kuntratt eżistenti li jrid jiġi annullat kif ukoll simulazzjoni qegħdin jeżercitaw l-

"azzjoni ta' simulazzjoni" li tippresupponi dejjem att ineżistenti b'mod assolut jew relattiv, u għandha bħala skop li tiġi ristabbilita l-verita' f'dak li relament riedu l-partijiet, avvolja l-att reali jista' ma jkunx validu w anki t-termini ta' preskrizzjoni applikabbli huma differenti fis-sens illi għall-azzjoni ta' rexissjoni l-preskrizzjoni applikabbli hija ta' sentejn, li jibdew jgħoddu minn meta jkun sar il-vizzju jew jinkixef l-iżbal u għal dik ta' simulazzjoni l-preskrizzjoni applikabbli hija ta' tletin (30) sena u għalhekk il-konvenuti minħabba dina l-konfużjoni ta' żewġ azzjonijiet totalment distinti u separati, huma fl-impossibilita' li jiddefendu ruħhom, kif għandhom kull dritt skond il-liġi.

2. Illi mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess, jekk l-azzjoni eżerċitata tista' tissejjaħ dik ta' "simulazione", l-atturi jridu jippruvaw mhux biss ix-xjenza tal-partijiet kollha li riedu joħolqu l-att simulat b'tali mod u manjiera illi l-"causa simulandi" trid tiġi pruvata b'mod inekwivokabli, speċjalment wara l-mewt tal-ġenituri għaliex f'dan il-każ, skond il-ġurisprudenza kostanti, ix-xhieda tal-atturi li jallegaw s-simulazzjoni għandha fih nnifsu tiġi meħuda bl-akbar ċirkosprezzjoni meta l-azzjoni tas-simulazzjoni tiġi proposta wara l-mewt tal-persuna li l-atturi jallegaw li riedet l-att simulat, imma wkoll l-atturi jridu jippuvaw li l-istess simulazzjoni hija waħda assoluta u mhux relattiva għaliex ma huwiex biżżejjed li l-volonta' tas-simulat tkun deiskordanti mad-dikjarazzjonijiet li hu jagħmel fl-att peress illi "trattandosi di una simulazione relattiva, l'atto e' valido se, quantunque siano simulati la causa ed il titolo del contratto, i contraenti intendevono compiere un att non riprovato dalla legge" (Rev. Padre Benigno Camilleri –vs- Paolo Attard et – Vol XXVII Part II Page 308).

3. Illi mingħajr l-ebda preġudizzju għall-premess jekk dina l-azzjoni tista' b'xi mod tissejjaħk "azzjoni għar-rexissjoni ta' kuntratt" minħabba dolo jew vjolenza morali jew pressjonijiet adoperati fuq il-koncedenti mill-konvenuti, minn imkien ma jirriżultaw la d-dolus, la l-vjolenza morali u lanqas il-pressjonijiet, kif allegati mill-atturi. U di piu' il-ġenituri kellhom kull dritt li jittrasferixxu lo-fond u jassenjawh lil min riedu huma u

b'daqshekk ma jkunx ifisser li d-drittijiet ereditarji tal-atturi jkunu qiegħed jigu leżi għaliex dawna d-drittijiet jitwieldu wara l-mewt tal-ġenituri u mhux qabel.

4. salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, debitament maħlufa mill-istess Rose Caruana.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti ta' l-1 ta' Settembru 1995 li biha eċċepew illi:

1. Illi l-atturi ma setgħux jagħmlu din il-kawża peress illi l-eredi ma jistax jimpunja dak li jkun għamel l-awtur tiegħu u ma hemmx dubbju li l-atturi aċċettaw l-eredita' tal-ġenituri tagħhom peress illi dan qaluh espressament fid-dikjarazzjoni tagħhom magħmula f'din l-istess kawża.

2. Illi għalhekk anki fuq din il-konsiderazzjoni legali t-talbiet attriċi għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali ppreżentata fis-16 ta' Diċembru 1997 u minnu kkonfermata fil-11 ta Marzu 1998.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' April 1998 fejn, fuq talba tal-konvenuti, innominat lill-avukati Dottor Joseph Micallef Stafrace, Dottor Philip Sciberras u Dottor Tonio Mallia bħala periti addizzjonali.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Frar 2002 fejn issostitwiet lill-avukat Tonio Mallia, li sadanittant ġie elevat għall-ġudikatura, bl-avukat Dottor Anthony Ellul.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ottubru 2002 fejn issotitwiet lil Dr. Philip Sciberras, li sadanittant ġie elevat għall-ġudikatura wkoll, bl-avukatessa Dottor Edwina Grima.

Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali tad-9 ta' Diċembru 2003 u maħlufa mill-avukat Dottor Anthony Ellul fl-20 ta' Frar 2004, mill-avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace fl-24 ta' Frar 2004, u mill-avukatessa Dottor Edwina Grima fis-27 ta' Frar 2004.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament ippreseduta tat-30 ta' Novembru 2004.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-1 ta' Frar 2008 li annullat din is-sentenza, u bagħtet il-kawża lura lil din il-Qorti sabiex hija "*konformament ma' din id-deċiżjoni, tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha skond il-liġi*."

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi tas-17 ta' Novembru 2008.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi b'din il-kawża l-atturi talbu r-rexxissjoni ta' kuntratt ta' enfitewsi perpetwa li sar fil-25 ta' Lulju 1986 atti Nutar Dottor Joseph Spiteri,[1] li permezz tiegħu Vincent u Loreta konjuġi Grech ittrasferew il-proprjeta' ndikata fiċ-ċitazzjoni lill-konvenuti, u dana għad-diversi raġunijiet imsemmja fl-istess ċitazzjoni.

Il-konvenuti kkontestaw it-talbiet b'numru ta' eċċezzjonijiet sew fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, u anke b'eċċezzjonijiet ulterjuri li ġew ippreżentati fil-mori tal-kawża. Fost dawn l-eċċezzjonijiet hemm uħud li huma ta' natura proċedurali, li jenħtieġ għalhekk li jiġu ttrattati qabel ma jiġi diskuss il-mertu.

Bl-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tagħhom fin-nota ta' l-Eċċezzjonijiet tat-3 ta' Awwissu 1994, il-konvenuti eċċepew in-nullita' taċ-ċitazzjoni billi *"qegħda tħallat żewġ azzjonijiet totalment distinti u separati konfużament*…." L-

[1] Dok. A anness ma' c-citazzjoni a fol.7 - 10 tal-process .

atturi mmedjatament opponew għall-preżentata ta' din l-eċċezzjoni f'dak li stadju tal-proċeduri, fejn kienu ġia bdew jinstemgħu l-provi quddiem il-perit legali li kien ġie nominat fil-kawża. Infatti permezz tar-rikors tagħhom tad-19 ta' Awwissu 1994 talbu s-sospensjoni ta' l-inkarigu tal-perit legali sakemm tiġi ttrattata din il-kwistjoni.[2] Bid-digriet tagħha tas-6 ta' Settembru 1994, din il-Qorti ċaħdet it-talba,[3] imma din il-kwistjoni baqgħet qatt ma ġiet ittrattata lanqas fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Novembru 2004. Jenħtieġ għalhekk li f'dan l-istadju tingħata deċiżjoni dwar il-validita' o meno tal-preżentata ta' eċċezzjoni bħal din, wara li kienu ġia bdew jinstemgħu l-provi, kif fil-fatt ġara fil-każ preżenti. Din il-kawża ġiet intavolata fit-28 ta' Ġunju 1993, meta allura ma kienux għadhom saru l-emendi fil-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili tal-1995, imma l-artikolu 789(2) tal-kap. 16, sew qabel dawk l-emendi u anke wara, baqa' jistipula li "**L-eċċezzjoni ta' nullita' ta' att, taħt il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħet tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullita'**." Issa l-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dana l-artikolu, applikabbli għal eċċezzjoni bħal din, jelenka bħala waħda mir-raġunijiet għan-nullita' ta' att ġudizzjarja, "**jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullita', kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullita', preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat**." M'hemmx dubbju li fil-każ in eżami l-konvenuti kienu jafu mill-ewwel b'dan l-allegat difett fil-forma taċ-ċitazzjoni, u nfatti fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet oriġinali tagħhom, kienu taw eċċezzjoni pjuttost simili, għalkemm inqas speċifikata. Madankollu, aċċettaw li jiġi nominat perit legali, li kien beda jiġbor il-provi regolarment u anke oġġezzjonaw bil-qawwa li jiġi sospiż l-inkarigu tiegħu sakemm tiġi ttrattata u deċiża l-kwistjoni dwar setgħetx tiġi ppreżentata tali eċċezzjoni f'dak l-istadju tal-proċeduri. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-

[2] a fol. 77
[3] ibid.

Qorti ma jibqagħlha ebda għażla għajr illi tordna l-isfilz ta' din l-eċċezzjoni, billi saret kontra l-liġi.

Eċċezzjoni proċedurali oħra, jekk tista' tissejjaħ hekk, indikata fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet oriġinali, tirrigwarda l-allegat mandat li kellha l-attriċi Michelina Grech biex tidher għall-imsiefra Gladys Vella. Il-konvenuti jikkontendu li ma ġiet ippreżentata l-ebda prokura biex tipprova dan il-mandat, u għalhekk l-atti fir-rigward ta' l-istess attriċi kellhom jiġu dikjarati nulli. Imma l-artikolu 1857(2) tal-kap. 16 li jirregola l-mandat, jistipula illi: "**Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament**." M'hemm xejn fil-liġi ta' proċedura li timponi xi forma speċjali għal tali mandat, u lanqas ġie allegat, u wisq inqas ippruvat mill-konvenuti li l-imsemmi mandat ma kienx ġie mogħti, u allura taqbel ma' l-ewwel perit legali li ma kien hemm ebda ħtieġa ta' prokura bil-miktub għal tali mandat.

It-tieni eċċezzjoni preliminari fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet oriġinali tirreferi wkoll għall-konfużjoni fiċ-ċitazzjoni. Infatti l-konvenuti jikkontendu illi "*ċ-ċitazzjoni odjerna hija konfuża u d-domandi huma redatti b'mod lakoniku għall-aħħar b'tali mod u manjera illi ma huwiex possibbli għall-konvenuti li jeddeterminaw il-bażi tal-azzjoni attriċi*."

Fil-kawża odjerna qed tintalab ir-rexxissjoni ta' kuntratt għal diversi motivi. Insibu fil-liġi tagħna illi: "**Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa', jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni."** [4]

Din l-azzjoni ġiet imfissra fid-dottrina legali bil-mod segwenti: " *L'azione di nullita' o rescessione e' il mezzo giuridico concesso al contraente, di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell'assunta obbligazione ottenendo l'annullamento, o rescissione che dir si voglia. E' un rimedio,che ha per necessario presupposti uno stato*

[4] art. 1212 kap. 16

*giuridico, ovvero una obbligazione riconosciuta dal diritto civile, sebbene imperfetta. E differisce da ogni altro mezzo, con cui s'impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partorito veruna obbligazione riconosciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo."* [5]

Sabiex tirnexxi kawża bħal din iridu jikkonkorru tliet kundizzjonijiet: "*Affinche l'azione rescissoria possa dirsi esercitata utilmente, si richiede il concorso cumulativo di tre condizioni: (a) che l'obbligazione sia invalida; (b) che la rescissione venga domandata da quel contraente, che ha il diritto di prevalersene; (c) che non sia scorso il tempo assegnato dalla legge, o non sia intervenuta la rinuncia preventiva."* [6]

Ingħad dwar l-ewwel rekwiżit illi: "…*l'azione rescissoria e' la sanzione dell'incapacita' legale a obbligarsi per contratto, dei vizii di consenso e della lesione*."[7] Fil-każ in eżami l-atturi bbażaw it-talba tagħhom għar-rexxissjoni fuq tliet motivi differenti (i) għaliex il-kuntratt sar b'qerq u ingann, bi frodi għad-drittijiet ereditarji ta' l-atturi; (ii) kien riżultat ta' vjolenza morali u pressjoni adoperata fuq il-konċedenti; u (iii) fi kwalunkwe każ, huwa simulat, u sar unikament bl-intenzjoni li jċaħħad lill-atturi mid-drittijiet ereditarji tagħhom.

Jingħad qabel xejn illi l-premessa tas-**simulazzjoni**, mhix raġuni valida għar-rexxissjoni ta' kuntratt, għax din tippresupponi l-ineżistenza ta' kuntratt, mentri fir-rexxissjoni, kif għadna kemm rajna, għandna kuntratt li sakemm ma jiġix dikjarat null, jibqa' validu. Is-simulazzjoni tippreżumi l-ineżistenza tal-kuntratt ***ab initio***. "*Un atto giuridico dicesi simulato, quando siavi contradizione deliberata tra la volonta' di chi lo compie e l'esterna manifestazione di essa; e simulazione dicesi il vizio onde il negotium juris e' affetto. Quando altro si dice ed altro si*

[5] Giorgio Giorgi : Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano 7ma.ed. vol. VIII para. 146 pag. 246 .
[6] ibid.. para. 149 pag. 251 .
[7] ibid. para 150 pag. 251 .

*vuole, si ha una manifestazione senza volonta' ed una volonta' senza manifestazione; onde ne' l'una ne' l'altra puo' costituire il negozio giuridico…Percio' nella simulazione non vi ha che l'apparenza di un atto, il quale* ***in realta' non esiste come tale****: non vi ha che una volonta' apparente ma non reale, o che per lo meno non e' quella manifestata."* [8] Dan għal dak li jirrigwarda s-simulazzjoni assoluta. Jekk imbagħad ikun hemm simulazzjoni relattiva, l-konsegwenza tkun li jiġi dikjarat x'inhu l-veru kuntratt intenzjonat bejn il-partijiet.[9]

Madankollu, fl-istess nifs li l-atturi qed jallegaw is-simulazzjoni, li kif rajna timplika ftehim liberu bejn il-komparteċipanti li jiftehmu li jagħmlu att apparenti, jikkontendu wkoll li ġiet inwettqa **vjolenza morali** u pressjoni fuq il-konċedenti, li allura ma setgħu ftehmu xejn volontarjament. Il-vjolenza bħala att li jinfiċċja l-kunsens hi trattata fl-artikoli 974 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Dwar il-vjolenza bħala vizzju tal-kunsens tat-testatur, applikabbli wkoll għal każ bħal dak in eżami, il-**Furgole** ċċitat fil-Laurant josserva illi: " …*non si esige un timore capace di influire sopra un uomo vigoroso; basta che i fatti sieno tali da poterne dedurre che il testatore non abbia disposto di sua piena volonta', o che la violenza produsse un costringimento capace di obbligare it testatore a fare quello che non avrebbe voluto*." (cap. V, sez. IV, nn 4 e 2). [10]

Ingħad fil-ġurisprudenza dwar il-vjolenza morali bħala vizzju tal-kunsens illi:

"*Biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizju tal-kunsens li jwassal għan-nullita' tal-kuntratt, hemm bżonn li dik il-vjolenza tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt li u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza eżerċitata biex jiġi ottenut il-kunsens, u mhux biex jiġi ottenut skop divers, u trid tkun*

---

[8] Digesto Italiano: vol. XXI. pte. 3 pag. 411 per Luigi Cagnetta; ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza : 224/1996 fl-ismijiet Maria Pace vs Carmelo Grima et. deciza fil-5.10.2005 .
[9] Esther Pace et vs Mary Lauri et.: 12.10.50; Appell : Francesca Seychell et vs Antonio Seychell: 27.3.36 .
[10] op. cit. para. 129 pag. 132 .

*ukoll l-opera tal-persuna li eżerċitata biex tottjeni dak il-kunsens*." [11]

Hekk ukoll: "*Biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li tkun determinanti, inġusta u gravi u tali li tagħmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiġġenera l-biża li tesponi inġustament lill-persuna tagħha jew il-ġid tagħha għal dannu gravi.. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indaġini li hija mħollija interament fil-prudenza tal-ġudikant*." [12]

Minn naħa l-oħra mbagħad l-atturi jallegaw ukoll il-**frodi:** Il-Kodiċi Ċivili jistipula illi "**L-egħmil doluż huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta. L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt imma għandu jiġi pruvat**."[13] Skond id-dottrina, sabiex jista' jingħad li jeżisti dan id-*dolo* iridu jikkonkorru erba' kundizzjonijiet, u ċioe':

*(i)* ***intenzione di nuocere***: *A costituire il dolo nel senso di macchinazione o raggiro non basta la coscienza di nuocere, ma si richiede la volonta' diretta a nuocere;*

*(ii)* ***gravita' dei raggiri o artifizi fraudolenti****: gli artifizi e i raggiri debbono essere di tal natura, da fare impressione sopra una persona sensata;*

*(iii)* ***il dolo deve essere causa del contratto***, u cioe' *quando i raggiri usati da uno dei contraenti sono stati tali, che l'altro senza di essi non avrebbe contrattato;*

*(iv)* ***i raggiri dolosi debbono essere stata opera dell'altro contrente****.* [14]

---

[11] Edgar G. Soler noe. vs H. H. Sir David Campbell noe. vol. XXXIII p. II. pp 431 .

[12] Rosaria Bartolo vs Giovanni Bartolo - vol. XXIX, Pt. II pp. 749 .

[13] art.981 kap. 16 .

[14] op. ċit. para. 95 - 104; ara wkoll ġurisprudenza ċċitata mill-periti addizzjonali fir-relazzjoni tagħhom a fol. 318 - 319 tal-proċess .

Fil-każ in eżami, pero', aktar milli frodi adoperata fuq waħda mill-kontraenti, jidher illi qed jiġi allegat li l-frodi sar mill-kontraenti, biex jiġu elużi d-drittijiet ta' l-atturi, fejn allura t-talba għar-rexxissjoni tkun ibbażata fuq l-azzjoni pawljana.

Naraw għalhekk illi l-atturi lanqas biss ma huma jippreżentaw dawn ir-raġunijiet għar-rexxxissjoni bħala motivi alternattivi għad-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-kuntratt in kontestazzjoni, imma, minkejja li raġuni waħda tista' tikkontradiċi lill-oħra, jinsistu illi kienu kollha eżistenti meta l-partijiet ġew biex jikkuntrattaw. Kif sewwa jikkontendu l-konvenuti, u anke kkonfermaw il-periti addizzjonali, hawnhekk għandna tliet azzjonijiet kontradittorji f'waħda, ċioe' l-azzjoni pawljana, azzjoni għas-simulazzjoni li, kif rajna, ma twassalx għar-rexxissjoni, u azzjoni għar-rexxissjoni wkoll minħabba vjolenza morali. Kif ntqal hawn fuq, u kif jispjegaw tant tajjeb il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom lill-istess periti addizzjonali, li a skans ta' ripetizzjonijiet inutili qed issir referenza sħiħa għaliha,[15] dawn l-azzjonijiet huma bbażati fuq motivi u prinċipji legali differenti li ħafna drabi xejn m'huma kompatibbli ma xulxin. Anke ż-żmien għall-preskrizzjoni ta' l-azzjonijiet diversi tista' tvarja. Dan kollu jmur kontra dak li tistipula l-liġgi fl-artikolu 156(1)(a) tal-kap. 16, li sew qabel u anke wara l-emendi tas-sena 1995, kien jistipula li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha: "*tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tal-kawża.*" Il-konsegwenza ta' dan kienet li l-konvenuti tpoġġew f'pożizzjoni diffiċċli ferm li jiddefendu ruħhom sew għall-allegazzjonijiet differenti ta' l-atturi, bi preġudizzju serju għalihom li ma jistax jissewwa ħlief billi jiġi annullat l-att.

M'hemmx dubbju għalhekk li, kif tajjeb ikkonkludew ukoll il-periti addizzjonali a differenza ta' l-ewwel perit legali, din iċ-ċitazzjoni hija kolpita minn diversi kontradizzjonijiet li jirrenduha konfuża u konsegwentement nulla'.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża, billi filwaqt illi tilqa' it-tieni eċċezzjoni mogħtija fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet

[15] ara fol. 334 - 335 tal-proċess .

oriġinali tal-konvenuti, tiddikjara ċ-ċitazzjoni konfuża u konsegwentement nulla, salv u mpreġudikat kwalunkwe azzjoni oħra li tista' għadha tispetta lill-atturi, u għalhekk tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------